MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1434/2002

**Dove Trading Limited.**

**-vs-**

**Giuseppe Deguara.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressaq fis-16 ta’ Dicembru 2002, li fiha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut bi skrittura privata datata 17 ta’ Mejju, 2002, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok “AD1”, obbliga ruhu illi jbiegh u jittrasferixxi lis-socjeta’ attrici li obbligat ruhha li tixtri minghand il-konvenut il-fond tmienja u hamsin (58) fi Triq San Pawl Milqi, Burmarrad, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, liberu u frank bid-drittijiet, giustijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, inkluza l-arja relattiva tieghu bil-prezz ta’ tlieta u tletin elf u tlett mitt lira Maltin (Lm33,300) u bil-kundizzjonijiet skond l-iskrittura hawn fuq imsemmija;

Illi s-socjeta’ attrici hallset is-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) akkont tal-prezz fuq l-istess skrittura;

Illi fil-ftehim ta’ bejgh fuq imsemmi gie pattwit illi tali ftehim kien jiskadi nhar is-s17 ta’ Novembru, 2002;

Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat anke ufficjalment permezz tal-ittra ufficjali datata 15 ta’ Novembru, 2002 biex jaddevjeni ghall-publikazzjoni tal-atti finali, baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikkjara illi sal-lum il-konvenut baqa’ ma’ addivjenix ghall-kuntratt finali;

2. Tordna illi l-konvenut jaddevjeni ghall-publikazzjoni tal-att notarili li bih ibiegh u jittrasferixxi lis-socjeta’ attrici l-fond tmienja u hamsin (58) fi Triq San Pawl Milqi, Burmarrad, limiti ta’ San Pawl il-Bahar, liberu u frank bid-drittijiet, giustijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, inkluz l-arja relattiva tieghu in ezekuzzjoni tal-konvenju datat 17 ta’ Mejju, 2002;

3. Tinnomina Nutar sabiex jircievi u jippublika l-kuntratt finali fil-gurnata, hin u lok li tistabilixxi din l-istess Onorabbli Qorti u jigu nominati kuraturi biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fl-istess kuntratt;

Bl-ispejjez inkluz ta’ l-ittra ufficjali datata 15 ta’ Novembru, 2002, u tal-Mandat ta’ Inibizzjoni, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda tas-Socjeta’ attrici, flimkien mad-dokument (1) mehmuz maghha;

Rat illi c-Citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut, li naqas li jipprezentaw in-Nota ta’ Eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-Atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet kif dedotti fl-Att tac-Citazzjoni jirrizulta pruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenut, il-Qorti tiddeciedi billi:

**Tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici kif dedotti fic-Citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuti u tinnomina lin-Nutar Dr. Jeanette Laferla Saliba biex tircievi u tippublika l-kuntratt finali li**

**ghandu jsir fit-22 ta’ Lulju, 2003 f’ nofsinhar fl-edificcju tal-Qorti u tinnomina lid-Dottoressa Anna Mifsud Bonnici bhala kuratrici biex tirraprezenta lill-kontumaci.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------